MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1360/1980/1

**Renato Ellul, Lucia mart Victor Salomone u l-istess Victor Salomone bhala amministratur tal-beni parafernali appartenenti lil martu Lucia Salomone u Maria d'Agatha u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Frar 1996 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuni ta' Joseph, Adrian, Godfrey, Elizabeth sive Betta Ellul, u Antoinette mart Philip Pullicino minflok missierhom Renato Ellul li miet fil-mori tal-kawza; u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2004 giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju**

**f'Antoine Salomone, Anna Galea u Anthony Galea bhala werrieta ta' Victor Salomone u Lucia Salomone nee` Ellul u Vanessa u Jeremy ahwa Salomone bhala werrieta ta' Albert Salomone bin l-imsemmija Victor Salomone u Lucia Salomone nee` Ellul b'dan illi fil-kaz ta' Anthony sive Antoine Salomone jigi trasfuz il-gudizzju f'Adrian Salomone, Joanna Bonello Salomone u Michael Salomone skond digriet tas-26 ta' Marzu 2003.**

**v.**

**Victor Cilia, Joseph Micallef, Lawrence Attard, u Oreste Cilia.**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Mejju, 2005, li in forza tieghu cahdet talba tal-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza ta' Reginal Schembri, Carmelo Bugeja u Paul Tabone;

It-talba ghall-kjamat fil-kawza ta' l-imsemmija tliet persuni saret mill-konvenuti fl-24 ta' Frar, 2005 fil-kuntest tal-kawza li fiha l-atturi qed jallegaw li porzjoni art mixtrija mill-konvenuti hija fil-fatt ta' proprjeta` taghhom. Il-konvenuti fl-imsemmi rikors fissru illi Oreste Cilia, Lawrence Attard, Carmelo Bugeja, u Alfred Cachia kienu akkwistaw, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa, porzjoni diviza ta' art kull wiehed minghand Joseph Schembri fit-tnax (12) ta' Ottubru 1970; illi sussegwentement, Carmelo Bugeja ttrasferixxa porzjon art, li kien akkwista fit-12 ta' Ottubru 1970, lil Oreste Cilia fis-6 ta' Mejju 1971; filwaqt illi Carmelo Bugeja u Alfred Cachia ttrasferew porzjon ohra art akkwistata minnhom indivisament fit-12 ta' Ottubru 1970, lil Paul Tabone fl-10 ta' Novembru 1970, in segwitu

ghal liema Paul Tabone ttrasferixxa l-istess porzjon art lil Joseph Micallef fil-21 ta' Awwissu 1972; Victor Cilia akkwista l-porzjon art tieghu, b'titolu ta' enfitewsi perpetwa, minghand Joseph Schembri fis-26 ta' Settembru 1972.

F'din il-kawza l-atturi qed jallegaw illi huma proprjetarji ta' parti mill-art mertu tal-kawza odjerna, in kwantu qed jinghad illi l-konvenuti akkwistaw l-imsemmija art minghand Joseph Schembri, Carmel Bugeja, u Paul Tabone meta l-istess Joseph Schembri, Carmelo Bugeja, u Paul Tabone ma kienux sidien ta' l-art hekk akkwistata minn ghandhom.

Il-konvenuti mhedda b'evizzjoni mill-art minnhom mixtrija, bl-imsemmi rikors taghhom tal-24 ta' Frar, 2005, talbu l-kjamata fil-kawza ta' l-awturi taghhom, liema talba ghamluha in forza ta' dak li jinghad fl-Artikolu 1422 tal-Kodici Civili li jipprovdi dan li gej:
"1422. Il-garanzija ghall-evizzjoni tispicca, jekk ix-xerrej ikun halla li jigi kkundannat b'sentenza li ghaddiet f'gudikat minghajr ma sejjah fil-kawza lill-bejjiegh, meta dan jipprova li seta' jgib 'il quddiem ragunijiet bizzejjed, illi x-xerrej ma giebx, u illi bihom it-talba gudizzjarja kienet tigi michuda."

L-atturi opponew it-talba tal-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza, bazikament ghax sostnew li hu assurd illi l-konvenuti jippretendu illi l-Qorti takkordalhom tali talba wara 25 sena. L-ewwel Qorti kienet accettat ir-ragunijiet imsemmija fir-risposta ta' l-atturi u cahdet it-talba tal-konvenuti. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-process tal-kawza, tinklina li taqbel ma' l-ewwel Qorti. Hu veru li ai termini ta' l-Artikolu 1422 imsemmi, xerrej mhedded b'evizzjoni ghandu dritt jitlob li t-titolu tieghu jigi difiz mill-bejjiegh, pero`, ikun qed isir abbuz minn dan id-dritt jekk l-esecizzju tieghu jithalla li jsir 25 sena wara li tkun bdiet il-kawza.

L-atturi fethu l-kawza taghhom fid-19 ta' Novembru, 1980, u l-konvenuti gew notifikati fis-17 ta' Dicembru, 1980. La fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom tas-6 ta' Jannar,

1981, u lanqas f'dik ulterjuri tal-1 ta' April, 1981, ma talbu l-kjamata fil-kawza ta' l-awturi taghhom. Mhux hekk biss, izda hallew il-Qorti tipprocedi bin-nomina ta' perit legali u perit tekniku, u fl-ebda stadju, waqt il-gbir tal-provi, ma invokaw il-jedd li jitolbu li l-awturi taghhom jithallew jiddefenduhom. Ghal zmien twil il-konvenuti jidher li ma kienux ippatrocinati minn Avukat, u hallew l-*iter* tal-kawza jipprocedi minghajr l-assistenza ta' l-intervent taghhom.

Eventwalment, il-periti gudizzjarji lestew ir-relazzjoni taghhom u gie intaxxat id-dritt dovut lilhom, u meta l-konvenuti rcevew kopja tal-kont relattiv, bir-rikors tas-27 ta' Frar, 2003, talbu li jkunu awtorizzati jressqu l-provi taghhom, u dan peress li kienu naqsu li jaghmlu dan quddiem il-periti. L-ewwel Qorti, b'digriet tat-28, ta' April, 2004, ordnat li jinzammu zewg seduti ohra ghall-provi kollha tal-konvenuti, pero`, anke f'dan l-istadju ma ntalbitx il-kjamata fil-kawza tal-persuni indikati. Gewipprezentati zewg noti ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri (fejn gew sollevati eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni), pero`, wkoll din il-kjamat fil-kawza ma ntalbitx; din it-talba saret biss, kif inghad, fl-24 ta' Frar, 2005.

Meta parti f'kawza ikollha dritt titlob xi beneficcju, dan trid taghmlu fil-mument opportun, u ghalkemm l-Artikolu 1422 invokat ma jistabilixxix terminu ta' meta talba ghandha issir, il-logika guridika tghidlek li dan ghandu jsir fil-bidu tal-proceduri, u mhux meta l-kawza tkun waslet fl-ahhar. Biex il-bejjiegh ikun jista' jgib 'il quddiem ragunijiet biex jirribatti l-allegazzjonijiet ta' l-atturi, irid jingieb fil-kawza qabel ma jibda s-smigh tal-provi, biex hu wkoll ikun jista' jikkontrolla dak kollu li jsir. Hu veru li l-kjamat fil-kawza ghandu dritt jitlob li s-smigh tal-provi, ghal dak li hu l-interess tieghu, jerga' jinstema' mill-gdid, pero`, meta l-kjamata fil-kawza setghet u messa saret fil-bidu tas-smigh tal-provi, din il-Qorti tkun qed tohloq ingustizzja kbira jekk issa, wara li s-smigh tal-provi kwazi nghalaq, tippermetti li l-provi kollha jinstemghu mill-gdid.

Li kieku l-htiega tal-kjamata fil-kawza inqalghet f'dan l-istadju tas-smigh tal-provi, allura ma kienx ikun hemm alternattiva ghall-Qorti hlief li tippermetti li dan isir. Il-

konvenuti f'din il-kawza, pero`, kienu konxji mit-talba attrici sa mill-ftuh tal-kawza, u ghal 25 sena shah ghazlu li jiddefendu l-allegazzjonijiet ta' l-atturi wahedhom u minghajr il-htiega ta' l-ghajnuna ta' l-awturi tahhom. Hu biss issa li qed jitolbu din l-ghajnuna. Din il-Qorti mhux lesta tippermetti li l-ligi tal-pajjiz tigi abbuzata b'dan il-mod! Kif intqal mill-Qorti Kostituzzjonali, f'kuntest ta' smigh xieraq, fil-kawza "Grech v l-Avukat Generali, deciza fl-20 ta' Dicembru, 2000, kien jispetta dejjem lill-partijiet fil-kawza:
"li jaghmlu uzu minn tali opportunita` personalment jew permezz ta' l-avukat ta' fiducja taghhom. Jekk ghal xi raguni jonqsu illi hekk jaghmlu, huma certament ma jkunux jistghu jilmentaw li ma jkunux inghataw smigh xieraq skond il-Konvenzjoni u skond il-Kostituzzjoni. Setghu biss ilumu lilhom infushom illi jkunu tilfu, kienet x'kienet ir-raguni, l-opportunita` taghhom skond ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process".

Dan jghodd ukoll jekk parti f'kawza tonqos milli taghmel dan l-uzu fil-mument opportun u fil-waqt mistenni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma d-digriet ta' l-ewwel Qorti moghti fil-25 ta' Mejju, 2005.

L-ispejjez konnessi ma' dan l-incident jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu rinvjati ghall-quddiem l-ewwel Qorti sabiex is-smigh tal-kawza jitkompla skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------